MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 510/2005

**George Spiteri f'isem u ghan-nom tad-ditta 'G. Spiteri & Sons Limited'**
**(C12936)**
**vs**

**George Martin f'isem u ghan-nom tad-ditta 'Fast Limited' (C19119)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Ottubru tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur nomine s-somma ta' elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM2329.60,0), dovuti bhala bilanc tal-prezz u ta' konsenja u xoghol ta' l-irham kif pattwit ma' l-attur;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine, flimkien ma' dawk ta' l-ittra ufficcjali datata s-17 ta' Frar tas-sena 2005, li hu wkoll ingunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut nomine ecepixxa s-segwenti;

1. Illi George Martin ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi s-socjeta' Fast Limited hija personalita' guridika separata minn George Martin u li tista' tigi interpellata u tinstab responsabbli indipendentement minn George Martin;

2. Illi t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici billi l-ammont rikjest ma huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta izda minn terzi persuni indikati lis-socjeta` attrici mis-socjeta' konvenuta, u liema ammonti gja thallsu mit-terzi persuni lil rapprezentanti tas-socjeta' attrici;

3. Illi l-ammont dovut, jekk jirrizulta li parti minnu huwa dovut, ghandu jigi pacjut ma' somma ferm akbar dovuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta kif jidher aktar fid-dettal waqt il-mori tal-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Illi s-socjeta' konvenuta ipprevaliet ruhha mill-avviz promotur tas-socjeta' attrici biex tipprezenta l-prezenti kontro-talba:

1. Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet diversi xoghlijiet a beneficcju tas-socjeta' attrici, fuq istruzzjoni taghha, ghal liema xoghlijiet ghadu ma sarx pagment ghajr hlas akkont ta' elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0);

2. Illi x-xoghol maghmul lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici jammonta globalment ghal hamest elef, hames mija u hdax –il Lira Maltin u erbghin

centezmu, (LM5,511.40,0), u li fil-prezent, wara li jitnaqqas il-pagament akkont imsemmi aktar ‘il fuq, il-bilanc dovut mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta jammonta ghal erbat elef, hames mija u hdax –il Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM4,511.40,0);

3. Illi ghalkemm interpellat ihallas, tali hlas ma sehhx;

Tghid ghalhekk l-istess socjeta’ attrici ghaliex m’ghandhiex din il-qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi s-socjeta’ attrici hija debitrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ erbat elef, hames mija u hdax –il Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM4,511.40,0), rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ xoghlijiet varji maghmula ghas-socjeta’ attrici, fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha;

2. Tillikwida s-somma dovuta mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta ghal xoghlijiet lilha rezi, fis-somma ta’ erbat elef u hames mija u hdax –il Lira Maltin, u erbghin centezmu, (LM4,511.40,0), jew somma verjuri illi tigi hekk likwidata minn dina l-qorti previa okkorrendo bl-opera ta’ periti u esperti nommandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ erbat elef u hames mija u hdax –il Lira Maltin u erbghin centezmu, (Lm4,511.40,0), jew somma verjuri illi tigi hekk likwidata minn dina l-qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, u George Spiteri, bhala repprezentant taghha, ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur nomine datata l-24 ta’ Mejju tas-sena 2006 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine:

1. Illi mhux minnu li s-socjeta’ “G. Spiteri & Sons” dovuta thallas daqstant, hamest elef, hames mija u

hdax –il Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM5,511.40,0), lis-socjeta' "Fast Limited";

2. Illi s-socjeta' attrici, wara tpacijja ghax-xoghol maghmul lid-ditta konvenuta, jibqghalha bilanc dovut lilha ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM2329.60,0), mid-ditta "Fast Limited", kif jidher mill-kont anness;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi;

Rat ukoll ir-rikors ta' l-attur nomine datat l-24 ta' Mejju tas-sena 2006, li permezz tieghu, wara li ppremetta li l-figura minnu ndikata l-avviz promotur kienet wahda erronea billi indikha bi zball, talab li minflok, din tkun sostitwita bl-ammont ta' erbat elef, u disgha u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM4,029.60,0);

Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Mejju tas-sena 2006 li permezz tieghu laqghet it-talba ghal din il-korrezzjoni;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenut nomine datat it-13 ta' Gunju tas-sena 2006, li permezz tieghu irtira l-ewwel eccezzjoni minnu postulata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur nomine datata s-7 ta' Frar tas-sena 2008 u n-nota responsiva tal-konvenut nomine datata l-5 ta' Marzu tas-sena 2008;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet f'din il-kawza jirrizultaw li huma nies tas-sengha, jafu lil xulxin u anke ftiehmu li jeffettwaw xi xoghlijiet reciprokament lil xulxin;

2. Illi barra l-bieb ta' barra, l-attur nomine kien inkariga lill-konvenut nomine biex jahdimlu wkoll kamra tas-sodda tat-tfal; vetrina ghall-ufficcju, u tah il-karozza tieghu biex tigi ttestjata ghall-VRT;

3. Illi l-konvenut nomine jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Fast Limited";

4. Illi pero' l-attur nomine jindika li t-trattattivi kollha u l-accettazzjoni tax-xoghlijiet f'isem din is-socjeta' indikata fil-paragrafu precedenti dejjem saru minn certu Lawrence Mizzi;

5. Illi x-xoghlijiet rezi mill-attur nomine lill-konvenut nomine kienu s-segwenti:

a. ucuh tal-kcina ta' l-irham;
b. zewg ucuh ohra tal-kcina ta' l-irham ghal xi klijenti ta' l-istess konvenut nomine;
6. Illi jsostni pero' li x-xoghlijiet u l-ftehim li fuqu gew ezegwiti x-xoghlijiet de quo kienu ma' certu Lawrence Galea, ghalkemm ftit qabel isostni li dan kollu kien sar ma' certu Lawrence Mizzi, (ara fol 23);

7. Illi l-ammont globali dovut mill-attur nomine hu ta' erbat elef u disgha u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM4,029.60,0);

8. Illi nonostante dan kollu u r-rikors tieghu datat l-24 ta' Mejju tas-sena 2006, (fol 18), fuq riferit, fid-depozizzjoni tieghu tas-17 t' Ottubru tas-sena 2006 jghid bil-gurament tieghu:

" … ghalhekk ghad baqghali niehu minghand Lawrence Galea elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM2,329.60,0);

9. Illi pero' fl-affidavit tieghu datat it-28 ta' Novembru tas-sena 2006, l-attur nomine jikkjarifika s-segwenti:

i. Illi x-xoghol ta' granit u rham minnu maghmul sar ghad-ditta "Ultralux Furniture" li tahdem taht l-isem tas-socjeta' "Fast Limited";

ii. Illi l-ammont ta' xoghlijiet affettwati mill-attur nomine lill-konvenut nomine effettivament jamonta ghal ammont indikat fil-korrezzjoni mitluba mill-attur nomine, (ara fol 18);

iii. Illi peress li ma saret l-ebda tpacija bejn il-partijiet, allura l-attur nomine kien kostrett li jkompli b'din il-procedura;

10. Illi rigward il-kontro-talba l-attur nomine isostni li jichad dak allegat mill-konvenut nomine u jsostni li anke wara t-tpacija jibqghalu jiehu l-ammont indikat minnu fl-avviz promotur;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut nomine sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi ghal zmien twil kienet tezisti relazzjoni tajba bejn il-protagonisti ta' din il-procedura fejn sahansitra l-konvenut nomine kien anke jghaddi xoghol lill-attur nomine;

2. Illi meta l-konvenut nomine jghaddi xoghol lill-attur nomine, qatt ma jibqa' nvolut aktar u r-relazzjoni kummercjali tibqa' biss bejn l-attur nomine u l-klijenti li jigu indirizzati lilu u dan, stante li l-ghazliet involuti; termini, u prezzijiet, jigu determinati esklussivament bejn il-partijiet involuti infushom;

3. Illi hu pacifiku li l-partijiet de quo gieli effettwaw xi xoghlijiet bi tpacija;

4. Illi ghal dak li jirrigwarda l-kcina ta’ iben l-attur nomine jirrizulta assodat li din kienet ser tinhadem mis-socjeta’ tal-konvenut nomine u kienet ser tithallas mill-attur nomine bhala rigal tat-tieg ta’ ibnu;

5. Illi peress li nqala’ dizgwid, il-konvenut nomine kien kostrett jiftah kawza kontra iben l-attur nomine, u allura, bhala ritaljazzjoni, l-attur nomine fetah il-procedura odjerna kontra l-konvenut nomine;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut nomine huma assodati minn dokumentazzjoni verifikabbli, (ara fol 40 sa 42), li din il-qorti ma ssib l-ebda ilment fir-rigward;

Illi min-naha tieghu, l-attur nomine jipproduci dokumentazzjoni li twassal biss sa’ l-ammont originali minnu pretiz fl-avviz promotur;

Ghaldaqstant, hi sodisfatta li l-partijiet involuti ppruvaw l-allegazzjonijiet taghhom fil-limiti fuq indikati u kien ikun aktar ghaqli ghalihom li jaslu ghal transazzjoni milli jessassperaw l-azzjoni odjerna sal-konkluzjoni logika taghha;

Ghaldaqstant:

1. Tirrespingi t-talba ta’ l-attur kif korretta bir-rikors tieghu datat l-24 ta’ Mejju tas-sena 2006 izda takkolji t-talba tieghu kif dedotta fl-avviz originali stante li ppruvata u allura tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati fil-konfront ta’ l-istess talba;

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine biex ihallas lill-attur nomine l-ammont ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin, u sittin centezmu, (LM2,329.60,0), bl-imghaxijiet dovuti mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali de quo;

Illi rigward il-kontro-talba tal-konvenut nomine, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine fir-rigward, takkolji t-talbiet tal-konvenut nomine u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-attur nomine biex ihallas lill-konvenut nomine l-ammont ta' erbat elef, hames mija u hdax –il Lira Maltin u erbghin centezmu, (Lm4,511.40,0), bl-imghaxijiet dovuti mid-data tan-notifika tal-kontro-talba;

Illi ghar-rigward ta' l-ispejjez kollha komprizi f'din il-procedura, dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------